

# Karlu Darmanin

## *L-istatwarju Senglean ...*
## *li sawwar l-istatwa ta' San Ġiljan*

***Fabian Mangion***
B.A., S.Th. Lic.

Element ewlieni li jsawru ħafna mill-knejjes Maltin huwa n-numru ta' statwi li nsibu f'dawn it-tempji għad-devozzjoni tal-fidili. F'pajjiżna, ir-rabta bejn statwa u xi forma ta' reliġjon tmur lura sa żmien il-Preistorja. Imma kien biss mal-wasla tal-Kavallieri f'Malta li xbihat sagri bdew issibu posthom fil-knejjes Maltin.

Għall-ħabta tas-seklu 16, fil-Knisja ta' Santa Marija ta' Ġesù fir-Rabat kien hemm statwa skolpita fl-injam li turi lil Kristu flaġellat mal-kolonna. Din hija statwa li, sal-lum, għadha tintuża fil-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira.[1] Fl-1618, imbagħad, il-Parroċċa ta' Marija Bambina fl-Isla akkwistat dik li kellha tkun l-ewwel statwa titulari fil-gżejjer Maltin u li, f'dak iż-żmien, tqiegħdet fuq artal fil-ġenb tal-Knisja ta' Santa Marija tal-Vitorja.[2] Huwa probabbli li l-ewwel xbihat popolari fil-knejjes Maltin kienu dawk marbuta mal-Passjoni ta' Kristu u li kienu jintużaw f'xi purċissjonijiet li kienu jsiru.

Il-popolarità tal-istatwi kompliet tikber matul is-snin, aktar u aktar meta kull parroċċa bdiet tikkummisjona l-aqwa skulturi biex jaħdmu l-vari titulari tagħhom. Sa nofs is-seklu 19, dawn ġeneralment kienu jsiru fl-injam, iżda bit-teknika tal-kartapesta li bdiet dejjem tirfina ruħha, ix-xbihat li bdew isiru kienu qed ikunu orħos u eħfef biex jinġarru bla ma jonqsilhom l-aspett artistiku tagħhom.



*Karlu Darmanin fil-bottega tiegħu.*

L-aktar statwarju li baqa' msemmi għax-xogħol fil-kartapesta kien Karlu Darmanin. Meta Karlu kien fl-aqwa tal-karriera tiegħu, ma bdewx jiġu kkummissjonati biss vari titulari iżda, b'riżultat tal-popolarità u l-iżvilupp tal-festi esterni u ta' xi devozzjonijiet ġodda li bdew ifaqqsu kważi f'kull parroċċa, bdew isiru wkoll vari sekondarji, vari tal-Ġimgħa l-Kbira, statwi ta' xi qaddisin popolari oħra u anke statwi biex jitpoġġew fit-toroq u l-pjazez ewlenin tal-irħula matul il-ġranet tal-festi.

F'għalqa daqshekk wiesgħa, ma kinitx sorpriża li l-abbilità ta' Karlu Darmanin tiġi mfittxija minn bosta, tant li llum kważi ma tmurx f'kull knisja prinċipali f'Malta li ma ssibx statwa ta' dan l-istatwarju rinomat.[3]


Anno Dñi 1825. Die vero 31. Augusti:
Carolus, Michael, Angelus, Antonius, Franciscus, Fortunatus Darmanin
Vicep. cus Insignis Decanus Don Fortunatus Costù baptizavit Infantem heri natum ex Josepho Darmanin et Maria Cumbi Conjugibus meis Parochianis; cui impositum fuit nomen Carolus Michael Angelus Antonius Franciscus Fortunatus. Patrini fuere Vincentius Cumbo qm Michaelis Angeli, et Maria Farrugia uxor Caroli ambo e Valletta.

*Ir-reġistrazzjoni tal-magħmudija ta' Karlu mill-Arkivju tal-Parroċċa ta' Marija Bambina tal-Isla.*

**Il-ħajja tiegħu**

Karlu Darmanin twieled l-Isla fit-30 t'Awwissu 1825 minn Ġużeppi Darmanin u Maria mwielda Cumbo, f'dar li kienet iġġib in-numri 174, 175 u 176 fi Triq ir-Rebħa.[4] Hu ġie mgħammed fil-Kolleġġjata ta' Marija Bambina l-għada li twieled, jiġifieri nhar il-31 ta' Awwissu 1825. Filwaqt li l-magħmudija saret mill-Kanonku Dun Fortunat Costù, Viċi Parroku tal-Arċipriet Dun Leopoldu Fiteni, il-parrinijiet tiegħu kienu Vinċenz Cumbo, ħu ommu u Marija Farrugia, mart Karlu, it-tnejn mill-Belt Valletta.[5]

Karlu kien it-tnax fost 13 aħwa. Ħutu l-oħra kienu Emanuela (c. 1806), Vinċenz (1808), Salvu (c. 1808), Marija (1810), Mikiel (1812), Karmela (1814), Ġwanni Pawlu (1817),[6] u Beatriċe (1819). Dawn twieldu l-Belt Valletta. Mill-Belt Valletta, fejn kienu joqogħdu numru 45, *Strada Levante*, il-familja ta' Ġużeppi u Marija Darmanin marru joqogħdu l-Isla u f'din il-belt ewlenija tal-Kottonera twieldu Filippu (1822), Pietru Pawl (1823), Marija Karmela (1824), Karlu u Marija Madalena (1929).

**Il-kumpanija tal-familja**

Karlu twieled f'familja li kellha diversi membri jaħdmu rħamijiet, lapidi u ħwejjeġ fil-kartapesta. Għaldaqstant, kien bin is-sengħa u l-edukazzjoni tiegħu ħadha mill-ħanut ta' missieru. Fil-fatt, missier Karlu, li kien marmista u statwarju, kellu l-ħanut tax-xogħol tiegħu. Aktar 'il quddiem, meta t-tfal tiegħu kibru, Ġużeppi Darmanin waqqaf kumpanija bl-isem *Giuseppe Darmanin e Figli* fejn kien ukoll jimporta hu stess il-granit u l-irħam. F'din l-azjenda privata ħadmu ħafna mit-tfal tiegħu.[7]



*Wiċċ ta' mejda fl-irħam. Xogħol bħal dan kien jinħadem f'Malta mid-Ditta Darmanin.*

Kienu jipproduċu monumenti, altari, statwi tal-irħam, oqbra, kolonni, balavostri, fontijiet tal-magħmudija, lapidi u pavimentar kemm għall-knejjes kif ukoll għall-Gvern Ingliż.[8] Insibu wkoll uċuħ ta' mwejjed maħdumin fl-irħam fin. Bosta minn dawn jinsabu l-Ingilterra u jidher li kienu nxtraw minn uffiċjali u residenti Ingliżi f'Malta mingħand il-ħanut tal-familja.[9] Iżda huma ma kinux jaħdmu biss fl-irħam, imma kienu jwettqu wkoll xogħol ieħor fil-kartapesta.



*L-aħwa Darmanin: Michele, Paolo, Salvatore, Carlo u Giovanni, li flimkien ma' missierhom Giuseppe kienu jiffurmaw id-Ditta* Giuseppe Darmanin e Figli.

Għadda ż-żmien u Karlu fetaħ l-kumpanija tiegħu bl-isem *Carlo Daramin e Figli*. Fost ix-xogħlijiet li ħadem insibu l-monument tal-vapur Orlando li għereq fit-Tuneżija u li jinsab ħdejn il-bieb tad-dħul tal-Barrakka ta' Fuq, il-plakka bl-ismijiet tal-Gran Mastri tal-Ordni ta' San Ġwann fil-Palazz tal-President u diversi xogħlijiet oħra fil-Knisja tal-Mosta,[10] Ħal Għaxaq[11] u fil-Bażilika ta' Sant'Elena f'Birkirkara.[12]

## Jibda familja ġdida

Ta' 23 sena, fis-27 ta' Frar 1848, Karlu Darmanin ingħaqad fis-sagrament taż-żwieġ ma' Annetta Ready,[13] xbejba bint ġenituri Skoċċiżi li kien għad kellha ħmistax-il sena.[14]

Karlu u Annetta kellhom familja tipika ta' dawk iż-żminijiet. Huma kellhom lil dawn it-tfal, kollha mwielda fl-Isla u mgħammda fil-Knisja Parrokkjali tal-Isla: Emanuel,[15] Franġisku,[16] Marija Karmela,[17] Ġużeppi,[18] Ċesare,[19] Ġużeppi,[20] Ġwanni,[21] Guliermu,[22] Ġeraldu,[23] Marija,[24] Marija Vittorja,[25] Franġiska,[26] Neriku,[27] Luċija,[28] Renaldu[29] u Marija Karmela.[30]

Wara li żżewweġ, Karlu Darmanin u l-familja tiegħu baqgħu jgħixu fid-dar tal-ġenituri tiegħu fl-Isla. Huwa



*Annetta Ready, mart Karlu Darmanin.*

kien fratell attiv fil-Fratellenza tas-Santissima Trinità fil-Parroċċa ta' Marija Bambina fl-Isla, u kien jattendi spiss għal-laqgħat li kienu jsiru.[31] Lejn is-sena 1884, madankollu, Karlu, Annetta u t-tfal tagħhom marru joqogħdu f'dar numru 29, fi Triq Irjali San Ġużepp, il-Hamrun. Hemm kellu wkoll l-istudju fejn kien jaħdem. Rikonoxximent importanti għal Karlu Darmanin wasal fl-1896, meta l-Avukat tal-Kuruna faħħar il-karattru ġentili u kwiet tiegħu, kif ukoll il-fatt li kulħadd kien jirrispetta lil dan l-istatwarju għall-abiltajiet li kellu u għax kien ġentlom.[32]



*Ċesare Darmanin, iben Karlu.*



*Franġiska Darmanin, bint Karlu.*

### Il-mewt ma taħfirha lil ħadd

Mart Karlu Darmanin, Annetta, mietet f'Santa Venera fis-1.30 p.m. tat-23 ta' Awwissu, 1897, fl-età ta' 64 sena, b'mewta ta' malajr jew minn puplesija jew minn attakk tal-qalb, u ndifnet fil-qabar privat tal-familja fil-kannierja tal-Knisja Parrokkjali ta' Hal Għaxaq.[33]

Karlu Darmanin miet f'Santa Venera, tard filgħaxija tas-26 ta' Novembru 1909, fl-età ta' 84 sena, wara li tah attakk tal-qalb.[34] Karlu hu midfun fiċ-ċimiterju ta' Santa Marija Addolorata, fil-qabar numru 67 tal-Fratellanza tas-Santissima Trinità tal-Isla.[35]

Il-gazzetta *Malta* tad-29 ta' Novembru 1909 ħabbret il-mewt ta' dan l-istatwarju rinomat b'dawn il-kelmiet: *Giovedi scorso al Hamrun verso le ore 10:30 pm rese l-anima al suo creatore il rinomato artista in plastica e famoso statuario, Signor Carlo Darmanin nella veneranda età di 85 anni.*[36]



✝

*Uliedi, krabati u hbiebi, iftacru fija, jien nitlob ghalicom !*

KALBU DEJJEM MARBUTA MAL VOLONTÀ T'ALLA
CHIF DEJJEM GHÀX U RABBA BOSTA ULIED
HALLA DIN ID-DINJA IL MISSIER ESEMPLARI
IR-RAGEL IMFAHHAR GHAL TIUBITU
IL FAMUS U IMSEMMI ARTISTA

**CARLU DARMANIN**

FIL 25 TA NOVEMBRU 1909
FL'ETÀ SABIHA TA 85 SENA
MIBCHI MINN CULLMIN CHIEN JAFU

R. I. P.

O Gesù hanin, atih il mistrih ta dejjem.
(Ind. 7 snin u 7 quarantini)

STAMPERIA TAD-DAR TA SAN GIUSEPP

*Santa tal-mewt ta' Karlu Darmanin.*

### Ix-xogħlijiet tiegħu fix-xena artistika Maltija

Waqt li Karlu Darmanin kien qed iwettaq biċċa xogħol, waħda wara l-oħra, ix-xena Maltija kienet mimlija daqs bajda bi statwarji ta' kalibru, xi wħud aljievi ta' Mariano Gerada (1766-1823). Fost l-oħrajn, kien hemm Pietru Pawl Azzopardi (1791-1875), Anton Busuttil (1822-1882), Ġużeppi Caruana (1887-1973), Antonio Chircop (1798-1869), Ġlormu Darmanin (1834-1879), Salvatore Dimech (1805-1887), Vincenzo Dimech (1768-1831), Xandru Farrugia (1791-1871), Abram Gatt, Salvu Psaila (1798-1871), Vincenzo Cremona (1851-1912) u Ġużeppi Vella (1802-1866).

Fil-karriera artistika tiegħu, Karlu Darmanin sab rival wieħed biss li kien iħabbatha miegħu. Dan kien l-istatwarju Vincenzo Cremona, li ħadem ħafna u kważi f'kull belt u f'kull raħal tal-gżejjer Maltin, għandna niltaqgħu ma' statwi tal-kartapesta maħduma minnu.[37]

Hafna mix-xogħlijiet tiegħu kellhom dawn il-karatteristiċi li jagħmluhom faċli biex wieħed jagħrafhom. Hemm grazzja kbira fuq il-figuri, kif ukoll espressjoni u poża devota. Id-drapp tal-figuri fih tqassim tajjeb l-aktar fil-piegi naturali. Fl-istatwi tiegħu, wieħed jara espressjoni fil-wiċċ tassew impressjonanti u moviment fil-persuna skont il-messaġġ li jkun irid iwassal.[38]

Huwa kważi ċert li Darmanin kien jimmudella l-istatwi fuq membri tal-familja tiegħu stess. Jingħad li n-neputi tal-istatwarju stess kien jgħid li l-Madonna fl-istatwa ta' San Gejtanu tal-Hamrun kienet nanntu, jiġifieri l-mara ta' Karlu Darmanin. Min-naħa l-oħra bosta uċuħ tal-anġli li kien jaħdem kienu mmudelati fuq it-tfal tiegħu stess. Karatteristiċi tipiċi f'dawn istatwi huma x-xagħar folt u pjuttost goff, ġeneralment bi troffa fuq quddiem jew b'ferq fin-nofs, kpiepel tal-għajnejn ħoxnin u ħalq żgħir b'xofftejn imlaħħmin.[39]

L-ewwel xogħol ta' Karlu Darmanin kienet il-vara tad-Duluri tal-Knisja Parrokkjali ta' Santa Marija ta' Ħal Għaxaq. Din saret fl-1851.[40] B'xorti tajba, il-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Qormi għadha tgħożż statwa tal-Madonna tar-Rużarju li Karlu Darmanin ħadem disa' snin wara fl-1860. Statwa oħra bikrija ta' Karlu Darmanin ġiet ikkummissjonata lill-istatwarju



*L-istatwa ta' Marija Addolorata għall-Parroċċa ta' Santa Marija, Ħal Għaxaq.*



*L-istatwa tal-Madonna taċ-Ċintura għall-Knisja tal-Agostinjani tal-Belt Valletta.*

f'Settembru 1862 mill-Fratellanza tal-Madonna taċ-Ċintura fil-knisja tal-Agostinjani tal-Belt Valletta.[41]

**Ix-xogħol tal-kartapesta**

Jingħad li l-kartapesta daħħalha f'Malta l-iskultur Sqalli Saverio Laferla bejn l-1737 u 1742 meta ħadem sett vari proċessjonali għall-knisja tal-Patrijiet Franġiskani Minuri tal-Belt Valletta.[42] Iżda dan ma jfissirx li ma kienx hawn xogħlijiet tal-kartapesta f'Malta qabel il-bidu tas-seklu tmintax. Fil-Knisja Matriċi ta' Għawdex (il-Knisja Katidrali tal-lum) jissemmew żewġ statwi tal-kartapesta li kienu fuq l-artal tal-Kurċifiss fl-1700.[43]

L-arti tal-kartapesta kellha tieħu spinta qawwija fis-seklu dsatax partikolarment mill-Ingliżi ta' żmien ir-Reġina Vittorja li għarfu jsawru biha għamara, dekorazzjoni arkitettonika u saħansitra djar.[44] Tabilħaqq din kienet industrija b'saħħitha b'numru ta' kumpaniji jispeċjalizzaw fix-xogħol tal-kartapesta u b'kull wieħed bit-teknika tiegħu. Mhux magħruf minn fejn Karlu Darmanin tgħallem it-teknika tal-kartapesta iżda żgur li t-teknika kienet reġgħet sabet popolarità kbira għalkemm f'Malta jidher li l-istatwi tal-kartapesta baqgħu jinħadmu.

L-ewwel ħaġa li Karlu Darmanin kien jagħmel kienet li jaħdem il-mudell tal-istatwa li kellu jagħmel. Dan kien isir bit-tafal imlibbes iċ-ċarruta, jiżbgħu u jippreżentah biex jara r-reazzjoni tan-nies.[45]

Jekk ikun hemm bżonn xi tibdiliet, hu kien jagħmilhom, iżda jekk ikun hemm bżonn ta' tibdil kbir, kien jagħmel abbozz jew mudell ieħor.[46] Jekk il-mudell ikun aċċettat, it-tieni pass kien ikun il-pedata tal-injam li fuqha kellha toqgħod l-istatwa. Għal kull figura li jkollha l-istatwa jkun hemm seratizz.[47]

Bħal statwarji oħra, Karlu Darmanin kellu wkoll kollezzjoni ta' forom tal-ġibs tal-korp, dirgħajn, idejn u saqajn u xi rjus differenti. Dawn kienu jintużaw skont il-bżonn. Tajjeb jingħad li r-ras kienet tkun maqsuma fi tnejn, il-parti tal-wiċċ u r-ras minn wara. Għal dak li hu l-wiċċ, kien ikun hemm spazju għall-għajnejn. Dawn kienu jitwaħħlu minn ġewwa.

Il-partijiet tal-figura kienu jinħadmu biċċa biċċa. Wara li kollox jinxef kienet tkun iffurmata l-figura kollha fuq is-seratizz. Hawn l-istatwarju jagħtiha l-qagħda li jrid hu, dejjem skont l-abbozz jew il-mudell. Minn dan il-mument tibda l-aktar fażi delikata. L-artist jibda jlibbes il-figura tiegħu bi drapp oħxon imxarrab fil-kolla, jifforma l-pjiegi u kull sura oħra li jrid jagħtihom, bħal titjira fil-libsa jew fil-mant. Meta jinxef kollox, u biex isaħħaħ id-drapp, l-istatwarju jagħti passati oħra ta' kolla u ġibs. Dawn isiru fuq il-figura kollha, inkluż passati ta' kolla u ġibs fuq il-wiċċ, l-idejn u s-saqajn. Dan ix-xogħol jibqa' sejjer sakemm l-artist jidhirlu li kollox ikun issoda biżżejjed.

Peress li d-drapp fil-kolla u ġibs ikun wieħed magħmul ta' fuq fuq, ikun jeħtieġ l-irfinar. Dan isir permezz tas-*sand paper* u jibqa' sejjer sakemm kollox isir qisu ħġieġ. Wara, il-figura tiġi mogħtija l-bjankett u għalhekk tkun lesta għall-kulur. Din hi l-arti u s-sengħa li biha ħadem Karlu Darmanin.

Ix-xogħlijiet ta' Karlu Darmanin jistgħu jinqasmu f'erbgħa: statwi titulari, statwi għall-purċissjoni, vari tal-passjoni u figuri għat-tiżjin tat-toroq u msieraħ.

**Statwi titulari**

Il-Maltin, sew il-kleru u sew il-poplu, bdew jindunaw bl-importanza ta' xbihat u statwi fil-knejjes u waqt il-purċissjoni.[48] Għalhekk, bil-mod il-mod, kull parroċċa f'Malta u f'Għawdex bdiet iddaħħal dawn l-istatwi. Sakemm Karlu Darmanin beda jaħdem, ħafna mill-parroċċi kienu diġà fornuti b'għadd ta' statwi titulari. Minkejja dan, hu ħadem diversi statwi titulari.

***Santa Margerita***

L-ewwel statwa titulari ta' Santa Margerita għall-Parroċċa Ta' Sannat, Għawdex, mhijiex dik li naraw illum. L-ewwel statwa ġiet ordnata mill-Kappillan Dun Franġisk Borg għand Karlu Darmanin. Fil-bidu tas-sena 1863 ix-xogħol fuq l-istatwa kien diġà kważi mitmum għax Darmanin tħallas 300 skud tax-xogħol li kien għamel.[49]

Nhar is-7 ta' Mejju 1863, din l-istatwa nġabet mill-Port il-Kbir sal-Imġarr t'Għawdex. Mill-Imġarr tgħabbiet fuq karettun kbir li kien jintuża biex iġorr il-ġebel u ttieħdet lejn il-Knisja Parrokkjali Ta' Sannat. L-Isqof Gaetano Pace Forno ta indulġenza ta' erbgħin jum lil kull min jgħid Missierna, Sliema u Glorja quddiem din ix-xbieha. L-istatwa baqgħet esposta sal-festa, li dik is-sena ħabtet nhar is-26 ta' Lulju 1863. Dakinhar ħarġet proċessjonalment għall-ewwel darba fost l-isparar tal-murtali, id-daqq tal-banda u l-ferħ ta' tant Sannatin.

Fid-19 ta' Jannar tas-sena 1890, l-Isqof Ġwanni Maria Camilleri għamel l-ewwel Viżta Pastorali tiegħu fil-Parroċċa Ta' Sannat. Xi ħadd maħkum sew mill-ideat puritani li kienu mxerrda f'dawk iż-żminijiet, waħħal f'moħħ l-Isqof li l-istatwa ta' Santa Margerita li kien għamel Darmanin ma kinitx dekoruża biżżejjed u għalhekk l-Isqof ordna biex issir statwa oħra.[50] Din l-istatwa ħarġet għall-aħħar darba proċessjonalment fl-1890.

Mal-wasla tal-istatwa l-ġdida,[51] din l-istatwa ġiet abbandunata fil-kampnar bil-ħsarat fiha dejjem jikbru. Fis-sena 1926, l-Arċipriet Ġużeppi Cassar ġietu l-idea li jirranġa l-istatwa ta' Darmanin biex tintuża fil-festi esterni. Għalhekk ħa din l-istatwa, bil-ħsarat kollha li kien fiha, għand l-istatwarju Wistin Camilleri biex jirranġaha. Wistin Camilleri stess kien jirrakkonta kif Mons. Ġużeppi Farrugia, li kien għadu kif spiċċa minn Arċipriet Ta' Sannat u ġie maħtur Monsinjur, inzerta kien għaddej minn ħdejn il-ħanut tiegħu u ra l-istatwa antika ta' Santa Margerita li kien għamel Darmanin. Staqsa għaliex din kienet tinsab hemm u Wistin qallu li kien se jirranġaha biex tibda tintuża għal barra. Dlonk Mons. Farrugia qal lil Wistin biex ma jirranġaha xejn iżda jagħmel statwa ġdida, għax kien lest li jħallasha hu. L-istatwa li saret minn Wistin Camilleri u li tħallset minn Mons. Farrugia żżanżnet fis-sena ta' wara, jiġifieri fl-1927 kif tixhed plakka li kienet imwaħħla ma' din l-istess statwa. Dak li kien fadal mill-istatwa ta' Darmanin baqa' fil-ħanut ta' Wistin u sakemm Wistin kien għadu ħaj, wieħed kien għadu jista' jara r-ras tal-istatwa mwaħħla mal-ħajt fil-ħanut fejn kien jaħdem.[52]









Vari Titulari





Opri tal-arti minn idejn l-artist

# *Karlu Darmanin*

# *(1825-1909)*

Vari Proċessjonali





### *Is-Salvatur*

Dun Salv Parnis, Kappillan ta' Ħal-Lija, kien nieda konkors fost l-artisti Maltin ta' dak iż-żmien, sabiex iħejju abbozz għall-istatwa li turi t-Transfigurazzjoni ta' Kristu.[53] Karlu kien daħal għal din il-kompetizzjoni u kien għamel mudell li kien juri sitt figuri: Ġesù, Mosè, Elija u l-Appostli Pietru, Ġakbu u Ġwanni.[54]



*L-ewwel buzzett li Karlu Darmanin ħejja għall-istatwa tat-Trasfigurazzjoni tal-Mulej, Parroċċa ta' Ħal Lija.*



Kieku dan il-mudell twettaq fi statwa titulari, kienu jinħolqu xi problemi bħalma huma t-toqol tal-istatwa u l-għoli tagħha biex toħroġ mill-bieb ta' barra tal-knisja parrokkjali għall-purċissjoni tal-festa. Għalhekk Karlu Darmanin kellu jħejji t-tieni mudell. Din id-darba, ħalla barra t-tliet figuri tal-appostli li kienu wiċċhom mal-art u ġew inkużi bħala basso riljiev fil-pedestall.[55] L-istatwa tas-Salvatur kif nafuha llum, u li nħadmet l-Isla, swiet mitt lira Sterlina.[56] Hija tbierket mill-Kappillan Parnis, lejlet il-festa tas-Salvatur, fil-5 ta' Awwissu 1864.[57]



### *San Leonardu*

It-tielet statwa titulari li ħadem Karlu Darmanin kienet dik tal-Parroċċa ta' Ħal Kirkop fl-1877. Din illum tinsab

*San Leonardu.*
*Ritratt ġentilment mitluf mis-Sur Angelo Schembri.*

fis-sagristija minħabba li fl-1949 inħadmet oħra fl-Italja, din id-darba mnaqqxa fl-injam u mhux tal-kartapesta bħall-ewwel waħda li tabilħaqq ma kinitx tagħmel għajb lill-vara l-ġdida.[58]



***San Gejtanu***

Statwa oħra li ħoloq Karlu Darmanin kienet dik ta' San Gejtanu għall-Knisja Parrokkjali tal-Ħamrun. Billi qabel ma kien ordnat San Gejtanu kien hemm diġà statwa ta' San Ġużepp, il-Ħamruniżi ma ridux statwa oħra tipika ta' figura kbira bil-Bambin.[59] Riedu xi ħaġa differenti.

Jingħad li Karlu Darmanin ħoloq diversi abbozzi biex fl-aħħar wasal għall-mudell finali.[60] Din l-istatwa saret fil-ħanut tax-xogħol ta' Karlu Darmanin fil-Ħamrun stess. L-istoriku Pietru Pawlu Castagna jgħidilna li din l-istatwa kienet tlestiet fl-1885 u kienet swiet ħamsa u għoxrin lira Sterlina.[61]

***San Ġiljan***

L-aħħar statwa titulari ċerta li kien ħadem Karlu Darmanin hi dik ta' San Ġiljan li waslet fir-raħal fil-lejl tat-13 ta' Awwissu 1893.[62] Ġiet imbierka minn Mons. Ġużeppi Mercieca, Vigarju Ġenerali tal-Arċisqof Pietru Pace.[63] Il-kuntratt kien sar nhar id-19 t'Ottubru, 1892 min-Nutar Michele Luigi Casolani fid-dar tas-Sur Salvatore Mattei, li kienet iġġib in-numru 36, *Strada Reale*. Dan il-kuntratt kien iffirmat mill-Kappillan Dun Ġużepp Scerri, minn Salvatore Mattei, il-benefattur mill-Belt u li kellu post ta' villeġġjatura f'San Ġiljan, mill-istatwarju Karlu Darmanin, u mix-xhieda Agostino Zerafa (kummerċjant) u Ġużeppi Monreal (is-Surġent tal-Pulizija eżekuttiva).



Permezz ta' dan l-att, il-partijiet iddikjaraw li s-Sur Mattei kien għamel donazzjoni lill-Knisja Parrokkjali ta' San Ġiljan tas-somma neċessarja biex biha tiġi kkummissjonata statwa tal-qaddis titulari tal-knisja. Il-kappillan kien aċċetta d-donazzjoni tas-Sur Mattei u t-tnejn qablu li din tiġi realizzata minn Karlu Darmanin. Min-naħa tiegħu, Darmanin aċċetta li kellu jwettaq din il-kummissjoni skont il-buzzett li kien diġà tlesta u li qablu fuqu l-partijiet konċernati.[64]

Din l-istatwa jingħad li kienet swiet sitta u għoxrin lira Sterlina. Fl-eżekuzzjoni tax-xogħol, speċjalment fir-rigward tal-poża, il-proporzjon u l-kuluri, Darmanin ħadem taħt id-direzzjoni ta' perit imqabbad mill-kappillan u minn Mattei. L-istess żewġ persuni kellhom jaqblu fuq persuna li kellha tieħu ħsieb l-induratura tal-istatwa li, allura, ma saritx minn Darmanin innifsu.[65]

Partikulari f'din l-istatwa hi li bħal wieħed jistħajjel li hemm konverżazzjoni bejn il-qaddis San Ġiljan, il-kaċċatur, u ċ-ċerva li tinsab ħdejn riġlejh. Il-ħarsa tal-qaddis hija mixħuta fuq il-figura mansa taċ-ċerva u bħal donnu jinħass kuntatt fiżiku bejn dawn iż-żewġ figuri. Wiċċ iċ-ċerva, fil-fatt, ma jħarisx 'il barra, lejn min ikun qiegħed iħares lejn l-istatwa, imma jħares direttament lejn il-qaddis li b'idejh it-tnejn miftuħa donnu qiegħed iħejji l-qagħda biex iħaddan lil dan l-annimal li kien għadu kif tarraflu dak li kellu jseħħ ... aħbar li fixklet mhux ftit lil San Ġiljan.



### *Id-Duluri*

Bil-ġenerożità tal-Markiża Anna Bugeja, lill-patrijiet Franġiskani Konventwali, inbnewlhom knisja u kunvent f'San Pawl il-Baħar. Il-knisja, li ssemmiet għall-Madonna tad-Duluri, fl-1905 ġiet iddikjarata knisja parrokkjali mill-Isqof Pietru Pace. Iżda sena qabel, fl-1904, tissemma b'mod ċar l-istatwa titulari ta' Marija Addolorata li kienet donazzjoni importanti għall-knisja.

Din l-istatwa, skont dawk li jiftakru l-imgħoddi, ħarġet minn id Karlu Darmanin.[66] Fuq il-lemin tagħha, l-istatwa kellha anġlu mdaqqas li, iżjed tard, tqies li kien xi ftit goff, u għalhekk tneħħa, imma nżamm u għadu jitgawda.[67]

## Statwi proċessjonali

*"Tabilħaqq Karlu Darmanin kien statwarju tassew prolifiku u kieku wieħed kellu jsemmi l-istatwi kollha li ħarġu minn idejh, ma jispiċċa qatt!"*[68]

### *Ħal Qormi*

Fil-Knisja Parrokkjali ta' San Ġorġ ta' Ħal Qormi nsibu l-istatwa tal-Madonna tar-Rużarju[69] u l-istatwa tal-Immakulata Kunċizzjoni.[70] Fl-istess knisja hemm l-istatwa ta' Santa Konsolata li saret fl-1863 u tinkludi l-għadam ta' din il-qaddisa.[71] Għal din il-knisja parrokkjali Karlu Darmanin ħadem ukoll l-Anġlu tal-Blandun.[72]

### *Ħal Tarxien*

Fil-Knisja Parrokkjali ta' Marija Annunzjata hemm statwa oħra ta' Karlu Darmanin. Din hi l-istatwa tal-Immakulata Kunċizzjoni. Din l-istatwa, li ssawret fl-1870, għandha għeruq fit-tradizzjoni Tarxiniża.[73]

Biċċa xogħol oħra ta' Karlu Darmanin li nsibu f'din il-knisja hija l-istatwa ta' San Alwiġi li saret qrib is-sena 1868.[74]

### *Santa Venera*

Il-Knisja ta' Santa Venera għandha waħda mill-istatwi ta' San Ġużepp magħmula minn Karlu Darmanin. Din l-istatwa tinżamm fil-knisja l-qadima u saret fl-1890 meta Karlu Darmanin kien qed joqrob lejn it-tmiem tal-karriera tiegħu.[75]



*L-istatwa tal-Madonna ta' Lourdes għall-Parroċċa tal-Qrendi.*

### *Il-Qrendi*

Din il-lokalità tgawdi wieħed mix-xogħlijiet ewlenin ta' Karlu Darmanin. Din hi l-istatwa tal-Madonna ta' Lourdes li saret fl-1878.[76] Din l-istatwa għandha l-karatteristiċi kollha tax-xogħlijiet ta' dan l-istatwarju. Wieħed jista' jsemmi l-grazzja fil-wiċċ, il-figura tal-Madonna f'poża devota u taqsim tajjeb tal-piegi fil-ħwejjeġ tal-figura Marjana.[77]

Għal din il-knisja Karlu Darmanin ħadem ukoll l-istatwa tal-Madonna taċ-Ċintura.

### *Ħaż-Żabbar*

F'Ħaż-Żabbar insibu l-istatwa ta' San Mikiel li kienet saret wara talba mill-membri tal-Fratellanza ta' San Mikiel.[78] L-istatwa kienet lesta fl-1886.

L-istatwa ta' San Mikiel hi statwa tradizzjonali b'moviment tassew sabiħ u qawwi. Il-pożizzjoni tal-ġwienaħ u l-qagħda tas-sieq juruk li San Mikiel kien għadu kemm wasal. Dan il-moviment joħroġ sewwa mill-pożizzjoni tal-idejn u mir-riħ li jinsab fid-dublett. Il-figura tax-xitan, li jinsab imbeżżża' għall-aħħar, hi umana mill-aktar. Din hi waħda mill-isbaħ statwi ta' San Mikiel li hawn fil-gżejjer Maltin.

### *Postijiet oħra*

Karlu Darmanin ħadem ukoll xi statwi tal-Madonna tar-Rużarju[79] u żewġ statwi tal-Madonna tad-Duttrina.[80] Minħabba dik ta' Santa Venera, hu ħadem tliet statwi ta' San Ġużepp.[81] Fil-Knisja Parrokkjali ta' Sant'Elena f'Birkirkara nsibu l-istatwa tal-Madonna tad-Duttrina, li kienet ġiet ikkummissjonata lil Karlu Darmanin mill-Fratellanza tad-Duttrina fl-1870 u l-istatwa oriġinali tal-Erwieħ li Karlu ħadem fl-1906.

### Numru kbir ta' vari tal-Passjoni

L-ewwel vara li ħadem Karlu Darmanin kienet dik tad-Duluri għal Ħal Għaxaq. Mill-ewwel vara sal-aħħar waħda hu rnexxielu jagħmel numru impressjonanti.









Vari tal-Gimgħa Mqaddsa




























Statwi tal-Armar
fit-Toroq

Fl-1866, għamel il-vara tal-Ort u l-Marbut għall-Mosta. Tliet snin wara ħadem ir-Redentur u l-Vara l-Kbira,[82] waqt li fl-1895 l-*Ecce Homo* u l-Veronika. L-aktar waħda importanti minn dawn kienet dik tal-Veronika.[83] Din il-vara ma kellhiex biss il-figura tal-Veronika għaliex maġenbha hu żied il-figura ta' tifla ċkejkna.[84]

Fit-tieni nofs tas-seklu dsatax, Karlu Darmanin ħadem il-figura ta' Kristu marbut mal-kolonna u l-Veronika għall-Kolleġġjata tal-Isla. Il-vara tal-Kruċifissjoni ta' Ġesù hija l-aktar importanti f'kull purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira. F'dik tal-Isla, il-Kurċifiss u San Ġwann jiffurmaw parti mis-sett l-antik tal-purċissjoni u allura għandhom madwar mitejn u sebgħin sena. L-istatwi tal-Madonna u tal-Madalena huma xogħol Karlu Darmanin u meta għamilhom, għamel it-tqassim preżenti ta' dan il-grupp.[85]

F'Bormla nsibu tliet vari – l-Ort, il-Madonna tad-Duluri u l-figuri tal-Madonna, San Ġwann u l-Madalena fil-grupp tal-Vara l-Kbira.[86]

### *L-Ort ta' Bormla*

Fl-1878 Karlu Darmanin għamel il-vara ta' Kristu fl-Ort għall-Knisja Parrokkjali ta' Bormla. Din il-vara hi kkunsidrata bħala l-aqwa xogħol tiegħu. Barra li hi statwa ta' ġmiel estetiku, wieħed ta' min jieħu nota tal-bilanċ li hemm fil-kompożizzjoni tagħha, kif ukoll tax-xogħol sabiħ ta' anatomija b'mod speċjali idejn Kristu. Dawn il-kwalitajiet artistiċi jingħaqdu mal-ħila artistika tal-ilbies li bihom huma mlibbsa l-figuri ta' din il-vara.[87]



*L-Ort għall-Kolleġġjata ta' Marija Immakulata, il-Belt Cospicua. Din il-vara hija meqjusa kapolavur ta' Karlu Darmanin.*



*Il-Bewsa ta' Ġuda għall-Parroċċa ta' San Ġorġ Martri, Ħal Qormi.*

### *Ħal Qormi u l-vara ta' Ġuda*

Fl-1889, Darmanin ħadem għal din il-lokalità l-figura tal-Veronika u fl-1903 sawwar il-Bewsa

ta' Ġuda. Hu ħadem ukoll żewġ figuri tal-Vara l-Kbira, jiġifieri l-Madonna u San Ġwann. Hu probabbli li l-vara tal-Ort hi tiegħu wkoll, għalkemm xi wħud jgħidu li saret minn Vincenzo Cremona.

Minn dawn il-vari Qriema waħda ċertament ħaqqha attenzjoni speċjali. Din hi l-vara ta' Ġuda li saret fl-1903.[88] Fis-sittinijiet u s-sebgħinijiet tas-seklu għoxrin, kien hemm tliet movimenti fl-iżviluppi tal-vari tal-passjoni. Wieħed minn dawn kien li tkun ikkupjata l-vara ta' Ġuda li Karlu Darmanin kien għamel għall-purċissjoni ta' Ħal Qormi. Sa dawk iż-żminijiet, filwaqt li kull purċissjoni f'Malta u Għawdex kellha sett ta' tmien vari, Ħal Qormi biss kellu sett ta' disa' vari tal-passjoni.[89]

### *Vari oħra*

Għaż-Żejtun, Karlu Darmanin għamel ir-Redentur waqt li għall-Belt Valletta hemm il-possibbiltà li r-Redentur hu xogħlu. Iżda fiċ-ċert, l-anġli tal-Monument fil-purċissjoni li tinħareġ mill-Knisja ta' Sidtna Marija ta' Ġesù fil-Belt Valletta, huma tiegħu.[90]

Għal Ħal Luqa hu ħadem l-erba' anġli tal-Monument (1884) waqt li għar-Rabat ta' Malta għamel il-Veronika (1880), id-Duluri (1863) u l-Vara l-Kbira (1880).[91]

### Statwi għat-tiżjin

Biex wieħed jifhem l-użu ta' dawn l-istatwi, li kienu jsiru wkoll mill-kartapesta iżda mhux għal xi purċissjoni, wieħed jeħtieġ jifhem l-iżviluppi li seħħew fil-festi tal-ibliet u l-irħula tagħna. Il-ħajja Maltija kienet iddur madwar il-knisja parrokkjali tal-belt u tar-raħal. Il-ħajja kienet ix-xogħol, il-familja u l-ftit divertiment kien isir taħt l-umbrella tal-knisja, bħal xi serata fis-sala tal-kappillan. Kien hemm ukoll il-każini li żiedu l-importanza tal-festi.

F'xi rħula bdew jiżviluppaw żewġ festi, waħda titulari u oħra sekondarja. L-idea ta' żewġ festi ġabet magħha mezzi biex il-festi jkunu aktar pompużi. Filwaqt li l-knejjes saru ġenna tal-arti, imżejna b'tapizzeriji, fided u ornamenti oħra, it-toroq bdew jiżżejnu wkoll. Fost dan it-tiżjin bdew jidhru, mal-ġenb tat-triq, statwi tal-kartapesta. Dawn kienu ta' żewġ tipi, statwi sempliċi u oħrajn aktar komplessi. Dawn l-istatwi kienu juru qaddisin, nies imsemmija fil-Bibbja, anġli, membri tal-kleru u persunaġġi storiċi. Dawn kollha, f'xi żmien, saru minn Karlu Darmanin.

Karlu Darmanin ħadem persunaġġi meħudin mit-Testment il-Qadim. Biex nagħti xi eżemplji, għall-Isla, ħadem l-istatwi ta' Abram, Mosè, David, Isaija, Ġeremija, Eżekjel, Danjel, Għamos, Ġona, Għabdija u Mikea. Hadem ukoll l-istatwi ta' Debora, Ester, Abigael, Ġagħel, l-erba' eroini mill-Antik Testment.[92]

Għal Ħal Tarxien, Karlu Darmanin jingħad li ħadem grupp li jirrappreżenta t-Tieġ tal-Madonna.[93] Iżda skont analiżi stilistika li għamel l-artist Tarxiniż Renzo Gauci, din l-istatwa nħadmet minn Karmenu Mallia (1880-1931) li kien alliev partikolari ta' Darmanin u li baqa' jaħdem l-istatwi fuq it-tradizzjoni u l-istil tal-imgħallem tiegħu stess. Minkejja dan, u bi probabbiltà kbira, Mallia ħadem din l-istatwa fuq abbozz li kien lesta Darmanin innifsu li ma laħaqx irrealizza f'ħajtu. F'din l-istatwa naraw lill-Madonna u San Ġużepp

flimkien ma' qassis fit-tempju. Il-pożizzjoni tal-Madonna u San Ġużepp kif ukoll il-poża tagħhom u l-moviment tal-figuri jagħmlu dan il-grupp wieħed mill-aqwa mfassal minn Karlu Darmanin.[94]

Għal Ħal Lija hu ħadem tliet figuri tal-appostli Pietru, Ġwanni u Ġakbu.[95] Meta l-istatwa titulari toħroġ mill-knisja jkun fiha għaxqa tara s-Salvatur flimkien ma' Mosè u Elija mdawrin ma' dawn it-tliet figuri li, għal ftit mumenti, jidħlu fil-kumplessità tal-istatwa u jitwaħħdu magħha.




*L-abbozz għall-Istatwa tat-Tieġ tal-Madonna u San Ġużepp għal Ħal Tarxien. Karmenu Mallia ħadem din l-istatwa fuq abbozz li kien lesta Darmanin u li dan tal-aħħar ma laħaqx irrealizza f'ħajtu.*

Iżda l-aktar ħaġa li tispikka huma x-xogħlijiet li għamel għall-festa ta' Sant'Elena ta' Birkirkara. Għal din il-festa hu ħadem figuri storiċi fil-ħajja tal-qaddisa, fosthom tal-Imperatur Kostantinu, iben Sant'Elena.[96] Fil-jiem tal-festa ta' Sant'Elena, wieħed jara armati l-istatwi ta' San Makarju u tal-Papa Urbanu VIII flimkien mal-istatwa allegorika ta' Ruma flimkien ma' anġlu u dik li tirrappreżenta l-virtù tal-Fidi flimkien ma' anġlu, ilkoll xogħol Karlu Darmanin.

Xogħol ieħor tassew sabiħ li kien għamel Darmanin kienet l-istatwa magħrufa bħala 'ta' Luteru' li kienet tifforma parti mill-armar li jżejjen it-toroq tal-Ħamrun fil-jiem tal-festa ta' San Gejtanu. Din l-istatwa kienet turi r-rebħa ta' San Gejtanu fuq l-ereżija Luterana, rappreżentata minn speċi ta' xitan qiegħed jaqa' mal-art b'sabta.[97] Fl-1884, Darmanin ħadem l-istatwa ta' kobor ta' tmien piedi ta' Ġuditta b'ras Oloferne f'idejha li kienet tifforma parti mill-armar tat-toroq fin-Naxxar għall-festa tal-Bambina.[98]

Is-sensiela tal-figuri ta' anġli u qaddisin li għamel Karlu Darmanin għall-festa ta' San Duminku tal-Belt Valletta hi wkoll fost l-aħjar li għamel.[99] Għall-Belt Valletta hu ħoloq sensiela oħra ta' figuri ta' anġli li saru għall-festa ta' San Pawl, filwaqt li għall-festa tal-Madonna tal-Karmnu saru tliet papiet – Telesforo, martri, Dijonisju u Ljun XIII u sett ta' erba' statwi ta' isqfijiet Karmelitani fost l-oħrajn.

Fost figuri partikulari ta' anġli li ħadem Karlu Darmanin, xieraq li jissemmew l-Anġlu tal-Banda *L-Unjoni*, li sar fl-1883, u li jintrama biswit iz-zuntier tal-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Luqa fil-jiem tal-festa titulari ta' Sant'Andrija u l-anġlu bis-sejf u l-fjamma li jifforma parti

mill-armar ta' barra fil-festa tal-Lunzjata f'Ħal Tarxien. Dan tal-aħħar hu magħruf bħala 'l-Anġlu tal-Ereżija' għaliex hu simbolu tal-qerda tal-ereżija ta' Nestorju, Patrijarka ta' Kostantinopli (illum Istambul) li kien ċaħad il-maternità divina tal-Madonna. Din kienet ġiet ikkundannata mill-Konċilju ta' Efesu fis-sena 431.

Karlu Darmanin ħoloq ukoll figuri ta' Papiet. Dawn saru sew għall-Gudja u sew għal Ħal Kirkop.[100] Għall-Birgu, Karlu Darmanin ħadem l-istatwi ta' San Orenzio, San Agostino u San Appollitu flimkien mal-istatwi tat-tliet leviti u djakni San Stiefnu, San Vinċenz u San Filippu. Karlu sawwar ukoll il-figura tal-Papa Urbanu II.[101]

Darmanin ħadem ukoll figuri meħudin mill-istorja ta' Malta. Fost dawn insibu l-Gran Mastru Cottoner għal Bormla u Pinto għal Ħal Qormi.

### *Allegorija ta' Malta*

Għall-Isla, belt twelidu, Karlu Darmanin ħadem il-figura allegorika ta' Malta trijonfanti fuq erba' Torok skjavi li, għall-bidu, kienet tintrama fil-parti ta' fuq ta' Triq il-Vitorja, jiġifieri qrib il-Knisja ta' Sidtna Marija Porto Salvo.[102] L-erba' Torok iġorru skudi b'armi ta' Gran Mastri b'rabta mal-Isla: D'Homedes, De La Sengle, De Valette u Cottoner. Malta Rebbieħa mhux iġġorr il-bandiera Maltija, imma dik tar-Reliġjon, jiġifieri, tal-kavallieri ta' Malta li ħakmu fuq il-gżira għal kważi 270 sena.[103]

Għal Ħal Luqa kienet ordnata statwa ta' Malta Gwerriera mill-membri tas-*Società Filarmonica San Andrea* sabiex tintrama fil-jiem tal-festa ta' Sant'Andrija u kienet lesta fl-1886.[104]



*Il-figura allegorika ta' Malta trijonfanti għaċ-Città Invicta – il-belt qatt mirbuħa.*

### Konklużjoni

Il-memorja ta' Karlu Darmanin ma tistax tmut. Jeħtieġ li tibqa' ħajja u mhux fi żmien il-festi biss. Dan għaliex bla dubju ta' xejn, huwa kien kontributur ewlieni fl-istorja tal-arti f'pajjiżna fejn għandha x'taqsam l-iskultura. Xeraq għalhekk li dan l-iben denn tal-Belt *Invicta*, jibqa' mfakkar u mfaħħar mhux biss għal tjubitu, iżda wkoll bħala missier eżemplari, marmista ta' ħila, u statwarju ta' kalibru għoli.[105]

# Referenzi

[1] Casha, A., "Fir-Rabat," f'*Il-Purċissjonijiet tal-Ġimgħa l-Kbira f'Malta u Għawdex*, Malta, 1992, p. 17.

[2] Bonnici, A., *L-Isla fi Ġrajjiet il-Bażilka-Santwarju ta' Marija Bambina*, Vol. I, Malta, 1981, p. 125.

[3] L-istatwi ta' Karlu Darmanin huma magħmula bi stil Purista bi ħjiel ta' ftit Romantiċiżmu, kif kien popolari f'dak iż-żmien. L-enfasi hija fuq l-aspett devozzjonali tal-figuri aktar milli fit-tejatriċità u l-moviment qawwi sinonimu mal-istil Barokk. L-esponent ewlieni ta' dan l-istil f'Malta kien il-pittur Giuseppe Hyzler (1793-1858) li wieħed mill-aljievi tiegħu - Giuseppe Calleja (1830-1915) - kemm-il darba kiteb favur Karlu Darmanin fuq il-ġurnali u fuq xi rivisti. Teknikament, Karlu Darmanin kien jgħaqqad il-biċċiet tal-kartapesta billi jpoġġi biċċiet ta' xoqqa jew tila bil-kolla fuq ix-xquq ta' bejn dawn il-biċċiet u wara kien jagħti kisja rqiqa ta' ġibs fuq ix-xogħol kollu, inkluż l-ixkejjer li kien juża bħala lbies għall-figuri tiegħu. Ġeneralment, l-istatwi ta' Darmanin għandhom tul medju ta' 5 piedi u 8 pulzieri għalkemm ġieli ħadem statwi b'tul ta' 8 piedi. Ix-xogħlijiet ta' dan l-istatwarju tant ħallew marka fuq il-ħajja Maltija li wieħed mill-qwiel Maltin hu propju dwar frott ħidmietu. Dan il-qawl jgħid: 'Qisek vara ta' Darmanin'. Din l-espressjoni kienet tintuża biex wieħed jagħmel kumpliment lil xi tfajla jew mara sabiħa.

[4] Dawn kienu ħadu l-istat tagħhom matrimonjali fil-Knisja ta' San Pawl Nawfragu, il-Belt Valletta, fit-13 ta' Lulju 1807.

[5] A(Arkivju) P(Parrokkjali) S(Senglea), *Liber baptizzatorum, sub die baptismi.*

[6] Magħruf aħjar bħala Ġanni, fil-5 ta' Mejju 1839, Ġanni żżewweġ lil Marija Tereża Fleri u kellhom ħdax-il wild. Ġanni miet fis-6 ta' Ġunju 1898 fl-għomor ta' 68 sena wara marda ħarxa u qasira ta' ftit jiem. Kien statwarju wkoll u baqa' msemmi għal xogħlijiet fejn ħadem il-vara tal-Madonna tal-Ġilju tal-Imqabba fis-sena 1876, kif ukoll l-istatwa tal-Madonna tal-Karità fil-Birgu. Insibu wkoll li ħadem xogħol sabiħ fuq l-irħam fosthom l-altar maġġur l-antik tal-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Luqa. (Micallef, G., Ħal Luqa: niesha u ġrajjietha, Malta, 1975).

[7] Id-ditta *G. Darmanin e Figli* ħadet sehem f'bosta wirjiet barra minn Malta fosthom l-*Exhibition of the Works of Industry of All Nations* li saret fl-1851 fil-*Crystal Palace* ta' Londra, *Paris Exhibition* tal-1854, 1862 u l-1867 u l-*Colonial & Indian Exhibition* tal-1886. F'dawn il-wirjiet, il-familja Darmanin rebħet bosta medalji għax-xogħol ta' kwalità għolja u preċiżjoni li pproduċiet. (Caruana, V., "Carlo Darmanin (1825-1909): Il-Prinċep tal-Istatwarji Maltin," f'*Il-Patrimonju ta' Carlo Darmanin f'għeluq l-ewwel mitt sena mill-mewt tiegħu*, Għaqda Armar Sant'Elena, Birkirkara, 2009).

[8] Micallef, A., "Carlo Darmanin (1825-1909)," f'*Soċjetà Mużikali Lourdes*, Qrendi, 2008, p. 115.

[9] Mejda ta' dan it-tip kienet għand Sparks Antiques (Tenterden, Kent, L-Ingilterra). Skrizzjoni fuq ix-xifer minn taħt tgħid hekk *'Queste Tavole Si Fanno in Malta nella Valletta Strada Levante No 45 da Giuseppe Darmanin, La Presente e Fatta da Salvatore suo Figlio 1833'.*

[10] F'din il-knisja nsibu l-bustijiet ta' George Grognet de Vassè, l-arkitett li ppjanta l-knisja tal-Mosta, u Mastru Angelo Gatt, il-kuntrattur li ħadem l-istruttura tar-rotunda tal-Mosta.

[11] Hawn insibu l-fonti tal-Magħmudija li sar fl-1869. (A(Arkivju) P(Parrokkjali) Għ(Għaxaq), *Libro Esito della Venda. Lampada, Esito Libero*, Libro R, p. 62).

[12] Għal din il-knisja, fl-1882, Karlu ħadem l-artal tal-kor bi rħam abjad solidu, imżejjen bil-malakita u lapis lażuli u b'simboli tal-erba' Evanġelisti.

[13] Bint John u Eleonora Byene, Annette twieldet fir-raħal ta' Ħal Għaxaq fl-1833. Kienet familja Kattolika. Fil-fatt Annette kienet mgħammda fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Għaxaq.

[14] Iż-żwieġ ġie ċċelebrat fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Għaxaq. Il-koppja wegħdu lil xulxin imħabba għal dejjem quddiem Dun Ġwann Depasquale. Grezzju Galea kien ix-xhud. (A.P.Għ., *Liber matrimoniorum, sub die matrimonii*).

[15] Twieled fis-27 ta' Jannar, 1849, u tgħammed l-għada: il-parrini kienu Ġużeppi, missier missieru, u Antonja Grech, bint Luqa, minn Ħal Għaxaq. (A.P.S., *Liber baptizzatorum, sub die baptismi*).

[16] Twieled fl-14 ta' Novembru, 1850, u tgħammed fl-istess jum, u miet żgħir: il-parrini kienu Mikiel Darmanin, ħu missieru, u Marija Darmanin, omm missieru, mill-Isla. (A.P.S., *Liber baptizzatorum, sub die baptismi*).

[17] Twieldet fit-8 ta' Novembru, 1851, u tgħammdet l-għada, u mietet żgħira: il-parrini kienu Ġużeppi Darmanin, missier missierha, u Marija Madalena, oħt missierha, mill-Isla. (A.P.S., *Liber baptizzatorum, sub die baptismi*).

[18] Twieled fid-29 ta' Awwissu, 1853, u tgħammed l-għada, u miet żgħir: il-parrini kienu Marku Brandicich u martu Pawla, mill-Isla. (A.P.S., *Liber baptizzatorum, sub die baptismi*).

[19] Twieled fit-30 ta' Jannar, 1855, u tgħammed fl-istess jum: il-parrini kienu Ġanni Darmanin, ħu missieru, u martu Marija Tereża, mill-Isla. (A.P.S., *Liber baptizzatorum, sub die baptismi*).

[20] Twieled fil-11 ta' Diċembru, 1856, u tgħammed fit-13 ta' Diċembru: il-parrini kienu Pietru Pawl Darmanin, ħu missieru, u martu Karolina, li marru joqogħdu ż-Żejtun. (A.P.S., *Liber baptizzatorum, sub die baptismi*).

[21] Twieled fis-7 ta' Marzu, 1858, u tgħammed l-għada: il-parrini kienu Ottone Dedomenico, bin Mikiel, ħu l-mara ta' Pietru Pawl Darmanin, ħu Karlu, u Marija Susanna Gringo, mill-Isla. (A.P.S., *Liber baptizzatorum, sub die baptismi*).

[22] Twieled fis-17 ta' Mejju, 1859, u tgħammed l-għada, u miet żgħir: il-parrini kienu Franġisku Cachia, kuġin tiegħu, bin Franġisku Saverju, u ommu, Biċe, mart Franġisku Saverju u oħt missieru, mill-Isla. (A.P.S., *Liber baptizzatorum, sub die baptismi*).

[23] Twieled fis-7 ta' Ottubru, 1861, u tgħammed fl-istess jum: il-parrini kienu Stiefnu Darmanin, il-kuġin tiegħu, bin Ġanni, l-iskultur, u martu Vinċenza, mill-Isla. (A.P.S., *Liber baptizzatorum, sub die baptismi*).

[24] Twieldet fl-24 ta' Marzu, 1863, u tgħammdet l-għada: il-parrini kienu Ġużeppi Darmanin, il-kuġin tagħha, bin Ġanni, l-iskultur, u Saverja Darmanin, il-kuġina tagħha, bint Pietru Pawlu. (A.P.S., *Liber baptizzatorum, sub die baptismi*).

[25] Twieldet fit-8 ta' Settembru, 1864, u tgħammdet l-għada: il-parrini kienu Mikiel Darmanin, hu missierha, u martu Marija, mill-Isla. (A.P.S., *Liber baptizzatorum, sub die baptismi*).

[26] Twieldet fl-24 ta' Novembru, 1865, u tgħammdet l-għada: il-parrini kienu Emanuel, ħuha, u Emanuela Cachia, mill-familja ta' Biċe, oħt missierha. (A.P.S., *Liber baptizzatorum, sub die baptismi*).

[27] Twieled fit-22 ta' Awwissu, 1867, u tgħammed l-għada: il-parrini kienu Emanuel, ħuh, u Marija Cachia, il-kuġina tiegħu, bint Franġisku Saverju, miżżewweġ lil Beatriċe, oħt missierha, mill-Isla. (A.P.S., *Liber baptizzatorum, sub die baptismi*).

[28] Twieldet fit-28 ta' Diċembru, 1868, u tgħammdet fl-istess jum: il-parrini kienu Ċesare, ħuha, u Beatriċe Cachia, oħt missierha u mart Franġisku Saverju, mill-Isla. (A.P.S., *Liber baptizzatorum, sub die baptismi*).

[29] Twieled fl-1870.

[30] Twieldet fl-1875.

[31] A.P.S., *Confraternità Trinità*, Annualità, lib. IV, D, p. 14.

[32] Caruana, V., "Carlo Darmanin (1825-1909): Il-Prinċep tal-Istatwarji Maltin," f'*Il-Patrimonju ta' Carlo Darmanin f'għeluq l-ewwel mitt sena mill-mewt tiegħu*, Għaqda Armar Sant'Elena, Birkirkara, 2009.

[33] A. P. Għ., *Liber defunctorum, sub die mortis*.

[34] Arkivju Parrokkjali Hamrun, *Liber defunctorum, sub die mortis*.

[35] Il-qabar qiegħed Diviżjoni Punent, Sezzjoni K, Kompartiment A.

[36] Fil-fatt eżattament kellu ftit anqas minn 85 sena.

[37] Montanaro, E. F., "L-Istatwarju Carlo Darmanin (1825-1909)," f'*Festa Madonna ta' Lourdes*, Qrendi, 1988, p. 36.

[38] Camilleri, J. C., "175 mit-twelid ta' Carlo Darmanin," f'*Il-Mument*, 1 ta' Ottubru 2000, p. 24.

[39] Caruana, V., "Carlo Darmanin (1825-1909): Il-Prinċep tal-Istatwarji Maltin," f'*Il-Patrimonju ta' Carlo Darmanin f'għeluq l-ewwel mitt sena mill-mewt tiegħu*, Għaqda Armar Sant'Elena, Birkirkara, 2009.

[40] Biex ikollna ħjiel tal-kompetizzjoni li kellu Darmanin, ngħidu biss li fl-1853, sentejn wara li hu rregala din l-istatwa tad-Duluri lill-Knisja Parrokkjali ta' Hal Għaxaq, Pietru Pawl Azzopardi naqqax l-istatwa titulari ta' Marija Bambina għall-Knisja Parrokkjali tal-Mellieħa. Fl-1851, fl-istess sena li fiha żżanżnet l-istatwa tad-Duluri, l-iskultur Peppi Vella lesta l-istatwa ta' Ġesù flaġellat għall-istess knisja parrokkjali. Jidher li l-istatwa ta' Vella żżanżnet għall-Ġimgħa l-Kbira filwaqt li l-istatwa tad-Duluri ta' Darmanin probabbilment iżżanżnet għall-festa tad-Duluri ta' Settembru. (Debono, S., "Carlo Darmanin: Marmista u skultur fil-kartapesta," f'*L-Isla: Leħen il-Parroċċa*, Settembru 2009, p. 53).

[41] Din il-kummissjoni tingħata ħdax-il sena wara d-Duluri ta' Hal Għaxaq u sentejn qabel ma Darmanin kellu jaħdem l-istatwa tat-Trasfigurazzjoni ta' Hal Lija li jista' jingħad li tagħtu reputazzjoni bħala l-aktar statwarju importanti ta' żmienu fejn tidħol l-arti tal-kartapesta. (Debono, S., "Carlo Darmanin: Marmista u skultur fil-kartapesta," f'*L-Isla: Leħen il-Parroċċa*, Settembru 2009, p. 53).

[42] Ġorġ Aquilina, *Il-Ġimgħa l-Kbira tal-Belt*, Malta, 1986, pp. 32, 58.

[43] Arkivju Kurja Arċiveskovili, Floriana, Vista Pastorali Davide Cocco Palmieri, fol. 360 r.

[44] Smith, E. L., *A Concise History of Furniture*, Thames and Hudson, 1995, 115.

[45] Eżempji ta' dan l-ewwel pass nistgħu narawhom fil-mużew tal-Knisja Parrokkjali ta' Hal Lija u fil-Knisja Parrokkjali l-qadima ta' San Ġiljan, f'San Ġijlan.

[46] Skont it-tradizzjoni Ħamruniża, biex saret l-istatwa ta' San Gejtanu kellu jagħmel diversi abbozzi.

[47] Ngħidu aħna, l-istatwa tal-Madonna ta' Lourdes fil-Qrendi, għandha seratizz wieħed, iżda l-istatwa tas-Salvatur ta' Hal Lija għandha tlieta minħabba li barra l-figura ċentrali ta' Ġesù Kristu hemm ukoll Mosè u Elija. Normalment, dawn is-seratizzi jkunu tal-*pitchpine*.

[48] Ix-xbihat, l-ikoni u l-istatwi tal-Madonna u tal-qaddisin preżenti fid-djar, fil-postijiet pubbliċi, u fi knejjes u kappelli, jgħinu lill-fidili biex isejħu l-preżenza kostanti u l-ħarsien ħanin tagħhom fid-diversi ċirkostanzi tal-ħajja. Waqt li jirrendu pożittiva u kważi viżibbli l-preżenza tagħhom fil-ħajja tal-bniedem, huma jistiednuh biex idur lejhom, biex jitlobhom b'fiduċja u biex jimitahom fl-ilqugħ b'mod ġeneruż tar-rieda divina.

[49] Arkivju Parrokkjali Sannat, *Conti*, 14, p. 168r.

[50] Din l-istatwa kienet turi lill-qaddisa waqt il-martirju tagħha u għalhekk kien hemm partijiet ta' ġisimha jidhru.

[51] It-tieni statwa titulari ġiet ordnata fis-sena 1890 skont kif ordnat fil-viżta pastorali. L-għażla waqgħet fuq id-ditta *Galard et Fils Statuaire* ta' Marsilja. Din id-ditta kienet popolari ħafna dak iż-żmien, speċjalment f'Għawdex. Fil-fatt, minnha ħarġu bosta mill-istatwi titulari tal-gżira. Raġuni probabbli tal-għażla ta' ditta minn Marsilja kienet in-numru kbir ta' Għawdxin li f'dawk iż-żminijiet kienu jemigraw lejn Marsilja u li raw ix-xogħol sabiħ li kienet tagħmel din id-ditta. Fil-fatt, din l-istatwa kienet imħallsa min-nies Ta' Sannat li kienu jgħixu Marsilja għax f'dan il-port Franċiż kien hemm ħafna Għawdxin minn Ta' Sannat li kienu emigraw. L-istatwa waslet Għawdex fil-bidu tas-sajf tas-sena 1891 flimkien ma' statwa oħra ta' San Franġisk meqjuma fil-knisja ta' San Franġisk fir-Rabat.

[52] Calleja, J., "L-Istatwa Titulari ta' Santa Margerita 125 sena fostna," f'*Festa Santa Margerita*, Nru. 23, 2016, p. 17.

[53] Għal dan il-konkors kienu applikaw ħames konkorrenti li la hu magħruf min kienu u lanqas b'liema tip ta' materjal ippreżentawh. Flimkien mal-kappillan, kien hemm ukoll Antonio Mallia, negozjant, flimkien ma' Michele Attard, ħaddiem fil-ġebel u t-tnejn minn Ħal Lija, li ħadu l-inizjattiva li ssir din il-vara.

[54] Dan il-mudell jinsab f'kollezzjoni ta' oġġetti qodma u artistiċi għall-wiri fil-Mużew tal-Knisja ta' Ħal Lija.

[55] Fil-25 ta' Frar 1863, Mallia u Attard ikkummissjonaw lil Darmanin biex tinħadem din l-istatwa li kellha tiġi esegwita mill-kartapesta, mogħtija ż-żejt tal-lewż u ndurata skont kif titlob l-arti. L-ilbies tal-istatwi u l-kulur tagħhom kellu jkun stukkat u ndurat. Darmanin kellu jlesti wkoll ħames lasti u erba' forċini biex l-istatwa tkun tista' tinġarr proċessjonalment.

[56] L-istatwa ħarġet mill-ħanut ta' Karlu mgħottija b'liżar abjad u hekk inġarret fuq l-ispallejn mill-Isla sa Ħal Lija. Daret ukoll mgħottija bil-liżar abjad tul it-toroq tal-istess raħal. Xħin waslet fil-post magħruf bħala l-Palazz l-Aħmar, l-istatwa nkixfet biex tkun apprezzata mill-poplu.

[57] Skont kittieba differenti, din kienet waħda mill-aqwa statwi titulari li ħadem Karlu Darmanin. Fost l-oħrajn, "*The statue representing the Transfiguration, made for Lija parish church in 1864, is considered to be one of his (Carlo Darmanin's) major works*" (Micallef, A., "Carlo Darmanin (1825-1909): Malta's foremost statuary," f'*The Sunday Times*, 23 ta' Diċembru 1979, p. 14) u "*Hundreds of people who throng the streets of Lija this weekend will have the opportunity to admire once again Carlo Darmanin's most famous statue: the Transfiguration ... ever since 1864, it has been the pride of the residents of Lija and the Maltese people in general,*" (Ebejer, A., "Carlo Darmanin (1825-1909): *Outstanding sculptor,*" f'*The Times*, 4 ta' Awwissu 1984, p. 7).

[58] "*Jidher ċar li min ordna l-istatwa l-ġdida li hemm fin-niċċa, ipprova jżomm kemm il-karatteristiċi u kemm il-fattizzi tal-istatwa ta' qabel* (ta' Karlu Darmanin). *Id-differenzi li nara, barra l-fatt li l-ġdida hi tal-injam u l-qadima hi tal-kartapesta, huma li San Leonardu l-ġdid hu ftit aktar żagħżugħ u serju, waqt li San Leonardu ta' Karlu Darmanin, bħall-istatwi l-oħra tiegħu, juri ċertu moviment, espressa b'dik il-kemmxejn ta' tidwira tal-ġisem lejn il-lemin, waqt li wiċċu hu ftit aktar espressiv.*" (Vella, H., "Karlu Darmanin u Ħal Kirkop," f'*Għaqda Mużikali San Leonardu*, Festa 1998, p. 77-80).

[59] Din l-istatwa ta' San Ġużepp kienet saret fl-1873 mill-istatwarju Senglean Ġlormu Darmanin, in-neputi ta' Karlu u isem ieħor sinonimu max-xogħol tal-kartapesta.

[60] Din l-istatwa turi lill-Madonna tagħti lil Binha Ġesù lil San Gejtanu ta' Thiene li qiegħed għarkupptejh jilqa' f'idejh bl-akbar ħerqa liċ-ċkejken Ġesù Bambin. Jingħad li wiċċ il-Madonna f'din l-istatwa hu l-istess wiċċ tal-mara ta' Karlu Darmanin.

[61] Ta' min jgħid li wiċċ San Gejtanu ta' din l-istatwa reġa' nħadem minn Carlo Darmanin għall-vara tal-passjoni - il-Bewsa ta' Ġuda - ta' Ħal Qormi. Din id-darba wiċċ San Gejtanu sar wiċċ Ġuda.

[62] Din l-istatwa nħadmet sentejn biss wara li San Ġiljan ħa l-limiti tiegħu mill-Parroċċa ta' Birkirkara u sar parroċċa għalih fl-1 ta' Settembru 1891.

[63] *L'Ordine*, 14 ta' Awwissu 1893.

[64] L-abbozz ta' din l-istatwa jinsab fil-knisja ta' Triq Lapsi li, fil-fatt, hija l-parroċċa l-qadima ta' San Ġiljan.

[65] Papagiorcopulo, N., "Il-vara titulari ta' San Ġiljan ... 125 sena fostna," f'*In-Nazzjon*, 27 ta' Jannar 2018, p. 18.

[66] Bonnici, A., *San Pawl il-Baħar*, Malta, 2005, p. 19-22. Minkejja li mkejjen oħra huma tal-fehma li l-istatwa titulari preżenti fil-Parroċċa ta' San Pawl il-Baħar saret qrib l-1914 minn Karmenu Mallia, magħruf bħala 'Il-Lhudi' u aljiev ta' Karlu Darmanin, u ħadet post dik oriġinali ta' Darmanin stess, hawn qed nibbaża dan it-tagħrif fuq dak li kiteb l-istoriku Patri Franġiskan li sostna li l-istatwa li naraw illum hija dik originali ta' Karlu Darmanin, li kellha jakkumpanjaha anġlu bis-simboli tal-passjoni u li tneħħa fl-1933 meta l-istatwa sarilha restawr sħiħ minn Wistin Camilleri.

[67] L-ewwel festa titulari u parrokkjali tad-Duluri f'San Pawl Il-Baħar, saret il-Ħadd, 17 ta' Settembru 1905.

[68] Montanaro, E. F., "L-Istatwarju Carlo Darmanin (1825-1909)," f'*Festa Madonna ta' Lourdes*, Qrendi, 1988, p. 36.

[69] Din saret fl-1860 u tħallset mill-fratelli tal-Konfraternità tar-Rużarju.

[70] Din saret madwar l-1890 u tħallset mit-Terz' Ordni ta' San Franġisk.

[71] Il-fdalijiet qaddisa, li jinsabu taħt il-mensa tal-artal tal-kappellun tal-Madonna tar-Rużarju, kienu ngħataw minn Patri Salv Said OCD minn Ħal Qormi fl-1860.

[72] Dan l-anġlu hu xogħol partikulari ta' Darmanin maħdum fl-1890.

[73] Hemm żewġ leġġendi marbutin magħha. L-ewwel, skont ix-xjuħ Tarxiniżi, ras din l-istatwa saret permezz ta' miraklu matul il-lejl. Din l-istorja popolari twieldet minħabba li ras il-Madonna hi magħmula qisha waħda ta' vera u wiċċ il-Madonna hu tassew sabiħ. Storja oħra Tarxiniża tgħid li l-Bormliżi, tant riedu din l-istatwa li kienu talbu rasha. Bħala ħlas kienu lesti jagħtu l-vari tal-Ġimgħa l-Kbira kollha kif ukoll ras il-Kunċizzjoni tagħhom. (Camilleri, J.C., "175 sena mit-twelid ta' Carlo Darmanin,"f'*Il-Mument*, 15 ta' Ottubru 2000, p. 20).

[74] Din l-istatwa tixhed serjetà kbira puristika, kollha devozzjoni fejn tistħajjel lil San Alwiġi kważi jitkellem mal-Kurċifiss li qiegħed iżomm f'idejh. Hija statwa statika li l-uniku movement li fiha huwa fil-borduri tal-ispellizza.

[75] M'hemm l-ebda tagħrif li jindika li xi darba din il-vara ntmesset. B'hekk nistgħu ngħidu li għadha fl-istat oriġinali ta' meta ħadimha Darmanin. Ta' min jgħid ukoll li għalkemm din l-istatwa ma tinħariġx proċessjonalment, xorta waħda tiżżejjen għal jum il-festa.

[76] Din l-istatwa saret bit-tħabrik tas-saċerdot Senglean Dun Pietru Pawl Xuereb Cordina fiż-żmien li hu kien kappillan tal-Qrendi. Aktar tard kien maħtur bħala l-ewwel arċipriet tal-Mosta. Kien hu li, fil-Qrendi, xerred devozzjoni lejn id-dehriet tal-Madonna f'Lourdes u waqqaf ukoll il-Fratellanza tal-Immakulata Kunċizzjoni taħt it-titlu ta' Lourdes. (Mangion, F., "Il-Verġni Mqaddsa Marija ta' Lourdes u d-devozzjoni lejha fl-Isla," f'*Għaqda Festa Esterna Madonna ta' Lourdes*, San Ġwann, Festa 2017, p. 103-109).

[77] *"Il-vara tal-Madonna ta' Lourdes tal-Qrendi għandha post importanti fil-qasam tal-wirt artistiku ta' gżiritna, u tagħmel unur u ġieħ lill-awtur tagħha, Carlo Darmanin."* (Montanaro, E. F., "L-Istatwarju Carlo Darmanin (1825-1909)," f'*Festa Madonna ta' Lourdes*, Qrendi, 1988, p. 35). Minbarra din l-istatwa tal-Madonna ta' Lourdes fil-Qrendi, Darmanin ħadem ħamsa oħra. Dawn insibuhom f'Għajnsielem, Santa Venera, l-Isla, il-Ħamrun u H'Attard.

[78] Din il-fratellanza, imwaqqfa fl-1757, kienet qed tagħmel minn kollox biex tiżdied id-devozzjoni lejn dan l-Arkanġlu.

[79] Fosthom dik li naraw fil-Knisja Parrokkjali tal-Mellieħa (1859).

[80] Dawn saru f'San Girgor iż-Żejtun (1864) u għall-Knisja Parrokkjali ta' Birkirkara (Sant'Elena) fl-1870.

[81] Dawn jinsabu fil-knejjes parrokkjali tas-Siġġiewi, Ħal Balzan u tas-*Sacro Cuor* f'Tas-Sliema.

[82] Fil-grupp tal-Kurċifissjoni għandna eżempju ta' anatomija perfetta fil-figura ta' Kristu u grazzja kbira fil-wiċċ, fl-espressjoni u fil-poża tal-figura tal-Madonna.

[83] *"The artist based his inspiration for the newer version of the Veronica on the revelation of the German mystic Catherine Emerich, so that an effigy of a young girl holding a pitcher is included with that of the Veronica."* (Micallef, A., "Carlo Darmanin (1825 - 1909): Malta's foremost statuary," f'*The Sunday Times*, 23 ta' Diċembru 1979, p. 14). F'din il-vara, Karlu kompla t-tradizzjoni li l-wiċċ ta' Kristu hu stampat mhux fuq velu taċ-ċarruta llamtata tal-għażel, imma fit-tarf tal-mantell li minn ras ix-xbieha tal-Veronika jinżel għal fuq l-ispalla u mbagħad għal fuq idha.

[84] Dan l-eżempju nsibuh imitat f'diversi purċissjonijiet Maltin u Għawdxin bħal fil-vara tal-Għargħur, ta' Ħal Għaxaq u tan-Nadur.

[85] Caruana, M. u Mangion, F., *Il-Ġimgħa l-Kbira fl-Isla: Tagħrif Storiku dwar il-Fratellanza tal-Kurċifiss, l-Istatwa Mirakuluża ta' Ġesù Redentur, il-Vari u l-Purċissjoni*, Parroċċa tal-Isla, Malta, 2000.

[86] Id-Duluri u t-tliet figuri tal-Vara l-Kbira saru fl-1876.

[87] Fil-fatt, din l-istatwa hija mitqiesa bħala kapulavur minħabba żewġ aspetti: l-istudju anatomiku tal-figuri u

l-waqgħa tad-drapp tal-figuri. *"The statue representing the Agony in the Garden which he made for Cospicua parish church is considered to be a masterpiece."* (Ebejer, A., "Carlo Darmanin (1825-1909): *Outstanding sculptor,"* f'*The Times*, 4 ta' Awwissu 1984, p. 7).

88 Kien Ġanni Coleiro, il-prokuratur tal-festa tal-Ġimgħa l-Kbira ta' dak iż-żmien, li ħadem biex issir din il-vara oriġinali ta' Karlu Darmanin. Kienet l-ewwel statwa f'Malta li turi x-xena tat-tradiment.

89 Għall-ewwel, iż-Żejtun daħħal il-vara ta' Ġuda fl-1961. Il-Mosta, fl-1963, daħħlet waħda wkoll u mbagħad kien imiss lix-Xagħra, Għawdex, fl-1964. Wara dawn il-postijiet għamlu l-istess ħaġa Raħal Ġdid (1971), Bormla (1972), Ħal Luqa (1973), in-Naxxar (1975), Ħaż-Żebbuġ (1978) u r-Rabat (1982).

90 Dawn l-erba' anġli nħadmu fis-sena 1868 fuq disinn tal-Professur Nikola Zammit tas-Siġġiewi. Ta' dan ix-xogħol artistiku, Darmanin tħallas is-somma ta' 36 Lira Sterlina. Dawn l-anġli nħadmu l-Isla u b'kollox swew 45 Lira u tliet xelini li ġew imħallsa mill-benefattur Salvatore Camilleri. (Aquilina, G., *Il-Ġimgħa l-Kbira fil-Belt*, Malta, 1986, p. 40).

91 *"But perhaps Carlozzo should be remembered more as the pioneer for the first-known changes in the iconography of Good Friday statues. He was the first statuary to produce an Agony in the Garden (for Cospicua) with two angels instead of the customary single one: a representation of Veronica (for Mosta) in which the protagonist is not alone; and above all, for producing a completely new scene with his Betrayal (for Qormi)."* (Grima, J. F., *"Local Holy Week statues and statuaries* (Part I)," f'*The Democrat*, 18 ta' Marzu 1989, p. 11).

92 Dawn kollha jintramaw fit-toroq fil-jiem tal-festa ta' Marija Bambina.

93 Camilleri, J. C., "175 mit-twelid ta' Carlo Darmanin," f'*Il-Mument*, 29 ta' Ottubru 2000, p. 30.

94 Informazzjoni mgħoddija lill-awtur.

95 Kif ingħad aktar qabel, dawn it-tliet figuri tħallew barra mill-istatwa titulari, imma nħadmu xorta waħda u dawn jintramaw sal-lum fil-misraħ quddiem il-knisja parrokkjali.

96 Hi statwa hekk imsejħa 'kolossali' għax hi ta' kobor ta' tmien piedi.

97 Hija tassew ħasra li din l-istatwa antika u artistika tkissret nhar id-9 ta' Awwissu 1987, mhux bil-maltemp, imma waqt inkwiet li nqala' matul il-marċ ta' festa li wassal biex anke l-festa ta' San Gejtanu, għal dik is-sena, tħassret.

98 Fl-1971, din l-istatwa ġarrbet ħsarat kbar minħabba xita qalila li niżlet. Ġiet restawrata u llum tista' titgawda fil-mużew tal-knisja tan-Naxxar.

99 *"Naraw fi bnadi oħra bosta anġli sbieħ kif ukoll appostli u qaddisin, fosthom dawk tal-Ordni Dumnikan, fil-festa ta' San Duminku tal-Belt, li ħaqqhom jiġu merfugħa f'mużew għall-ħlewwa tal-uċuħ u l-poża ġentili tagħhom."* (Bonnici Cali, R., "Statwarji tal-Kartapesta," f'*Leħen is-Sewwa, 19 ta' Mejju 1984, p. 5). Dan is-sett ta' qaddisin Dumnikani nħadmu qrib is-sena 1885.*

100 F'Ħal Kirkop, il-Papiet Piju IX u Ljun XIII, li kienu saru minħabba r-rabta mill-qrib li għandhom ma' San Ġużepp, illum jintramaw fi Triq Mons. Mikiel Barbara fil-festa ta' San Ġużepp.

101 Dawn jiffurmaw parti mit-tiżjin tat-toroq fl-ewwel jiem ta' Awwissu fl-okkażjoni tal-festa ta' San Lawrenz, Djaknu Martri.

102 *"Fost dawn l-istatwi, il-figura maestuża ta' Malta Rebbieħa fuq kolonna mill-isbaħ imdawra b'erba' figuri oħra: kienet l-għaxqa tat-triq tal-Knisja, bejn il-Bażilika u l-Knisja ta' San Filippu."* (Bonnici Cali, R., "Statwarji tal-Kartapesta," f'*Leħen is-Sewwa, 19 ta' Mejju 1984, p. 5). Ġara li fis-sena 1971, propju fil-festi li saru għall-50 anniversarju mill-Inkurunazzjoni tal-Bambina, għamlet maltempata qawwija li kkawżat ħsara rreparabbli lil din l-istatwa.*

103 L-istatwa ta' Malta li naraw illum, dik li saret fl-1972 minn Ġlormu Dingli, tistrieħ fuq il-pedestall oriġinali ddisinjat minn Aristide Bonnici, bin Vincenzo, mill-Isla, u kien ġa lest fl-1892. Dan ifisser li l-istatwa oriġinali ta' Darmanin kienet saret qrib dik is-sena.

104 Filwaqt li statwi oħra jippersonifikaw lil Malta bħala tfajla rebbieħa, f'Ħal Luqa, Malta hi murija bħala gwerriera bit-tarka u x-xabla f'idha l-leminija sabiex tiddefendi lill-gżejjer Maltin u lill-poplu tagħhom mill-għadu. Hija tintrama fuq pedestall artistiku maħdum miż-żagħżugħ Ħalluqi Andrea Vassallo li, maż-żmien sar ferm rinomat għax-xogħol tiegħu tant li kien meqjus bħala 'Ġenju fl-arti arkitettonika'. (Zammit, R., "L-istatwa ta' Malta Gwerriera, il-Pedestall tagħha u l-artisti tagħhom ... 130 sena wara," f'*Għaqda Mużikali Sant'Andrija*, Ħal Luqa, Festa 2016, p. 135).

105 Dawn huma l-kelmiet minquxa fuq irħama li, nhar it-8 ta' Mejju 2015, ġiet inawgurata fi Triq il-Kunċizzjoni, l-Isla fuq inizjattiva tal-Kunsill Lokali Isla b'turija ta' ġieħ u stima lejn dan iċ-ċittadin li kien ta' unur kbir għall-Isla, belt twelidu. Karlu huwa wkoll imfakkar permezz ta' toroq imsemmija f'ismu fil-Mosta, fil-Qrendi, f'Ħal Kirkop u f'Ħal Lija.